## FESTA VIŻITAZZJONI B'DIFFERENZA



Din is-sena l-Kunsill Lokali ħa l-inizjattiva biex ikollna festa sabiħa b'differenza. Għal dan il-għan minn seba' ġimgħat qabel il-festa, kull Sibt tal-festa l-Kunsill flimkien mal-Ambaxxatriċi u ż-żgħażagħ tal-Għarb saru banners fil-bidu ta' Triq l-Għarb b'temi marbuta mal-festa tal-Viżitazzjoni. Il-Kunsill qassam bniedar tal-Għarb lir-residenti sabiex jittelghu mall-arbli jew fil-galleriji. Qassam ukoll ktieb ta' pittura b'temi tal-festa iddisinjat minn artista lokali Lisa Formosa kif ukoll ktieb tal-qari b'tema tal-infiorata b'kompetizzjoni marbuta miegħu lit-tfal kollha f'kull dar.

Sar tindif tat-toroq ċentrali qabel il-festa. Apparti dan il-Kunsill żejjen l-Pjazza b'luminazzjoni blu biex joħloq atmosfera festiva. Grazzi lill-ħaddiema tal-Kunsill ta' dan it-tqassim, xogħol ta' luminazzjoni u tindif.




Nhar is-Sibt tal-Festa fl-4 ta' Lulju l-Kunsill bil-kollaborazzjoni tar-ristoranti Rangers Bar & Restaurant, Il-Kunvent Restaurant u Centru Bar & Restaurant organizza 'Al Fresco' fejn ir-ristoranti ħarġu l-imwejjed u s-siġġijiet fil-Pjazza. Kull ristorant kellu *live music*. Kien hemm attendenza sabiħa u kull min attenda seta' igawdi minn atmosfera mill-isbaħ tal-Pjazza u l-Knisja mixgħula għal żmien il-festa.



## *GĦARB FEAST WITH A DIFFERENCE*

*For this year the Local Council took the initiative so we could have a nice feast although with a difference. The Local Council along with the youth Ambassodor and youths created feast themed banners placed at the beginning of Għarb Road for every Saturday seven weeks before the feast. The Local Council distributed Għarb flags to the residents so to be raised on a pole or on a balcony. Feast themed drawing books designed by local artist Lisa Formosa and Infiorata related book with a competition to every child in the locality.*

*General cleaning was held in the main parts of Għarb before the feast. Apart from this Gharb Square was luminated in blue which created a nice feast atmosphere. Thanks to the Local Council employees for all the works related.*

*On Saturday 4th July on Għarb's feast eve l-Għarb Local Council in collaboration with the restaurants Gharb Rangers Bar & Restaurant, Il-Kunvent Restaurant and Centru Bar & Restaurant organised 'Al fresco' where the mentioned restaurants placed the chairs and tables in the street. Every restaurant had live music. There was a numerous attendance and everyone who attended had the opportunity to enjoy a beautiful atmosphere of the main square and church luminated for the feast.*

### JUM L-GĦARB

Għalkemm għaddejjin minn żmien diffiċli, l-Kunsill xorta waħda b'xi mod se jfakkar Jum l-lokalita' nhar id-29 ta' Awwissu, 2020. Peress li r-restrizzjonijiet dejjem jinbidlu skond is-sitwazzjonijiet il-Kunsill ser iqassam fuljett bil-programm aktar tard viċin id-data tal-attivita'.

Għal dan il-għan il-Kunsill qed jitlob l-proposti tagħkom ir-residenti fuq min taħsbu li huma dawk l-individwi li jixirqilhom ikunu rikonoxxuti għall-ħidma tagħhom. L-unuri huma Premju Ġieħ l-Għarb, Premju Qlub Ġenerużi u Premju Volontarjat. Il-proposti għandhom jaslu l-Kunsill bil-posta jew fuq l-email gharb.lc@gov.mt sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu.

### *GĦARB DAY*

*Although we are living in difficult times, the Local Council is nonetheless commemorating Għarb Day on 29th August, 2020. Since the restrictions are always changing according to the situations, the Council will be distributing a leaflet with the programm in the coming days.*

*Therefore the Council is asking for the residents' feedback on who can be chosen for the awards that are Premju Ġieħ l-Għarb, Premju Qlub Ġenerużi u Premju Volontarjat. Those interested in giving their feedback are kindly being requested to send it to the Local Council by post or email on gharb.lc@gov.mt by not later than Monday 17th August.*

InPrintMalta - Għarb - 7701 6000



# Il-Pjazza

Vol. 9 – Awwissu 2020 – No 3 Fuljett ta' informazzjoni maħrug mill-Kunsill Lokali ta' l-Għarb

*Vol. 9 – August 2020 – No 3* *Information leaflet published by l-Għarb Local Council*

## L-INFJORATA FI ŻMIEN IL-FESTA TAL-GĦARB



L-Edizzjoni tal-Infjorata ta' din is-sena għal nhar il-festa saret pero' b'differenza. Nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju, 2020 Grupp Infjoraturi Għarb ingħaqdu ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna u għamlu Infjorata bil-melħ f'nofs il-Pjazza. Id-disinn tal-Infjorata ta' din is-sena ġie ppreparat minn Michael Bajada. It-tema kienet 'Nilqgħukom fostna Għarb Għawdex'. It-titlu ntagħżel biex nuru l-prospettivi ġodda wara ż-żmien tal-Covid-19 u biex inkunu pożittivi fix-xhur li ġejjin. Id-disinn kien marbut mal-festi fejn fuq naħa kien hemm 'Nome di Maria' li tirrappreżenta l-festa tal-Għarb u fuq in-naħa l-oħra intwera xogħol pirotekniku li jissimbolizza ċelebrazzjoni. Grazzi lill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri tas-sapport finanzjarju.




### *INFIORATA DURING GĦARB FEAST*

*This year's Infiorata edition during Għarb feast was held with a difference. Grupp Infjoraturi Għarb prepared a Salt Infiorata design on Thursday 2nd July, 2020 at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. The design was prepared by Michael Bajada. The theme was "Welcome to Għarb – Gozo". The title was chosen so to show new prospectives during Covid-19 and to be positive for the future. The design was associated with feasts where on one side there was 'Nome di Maria' and on the other side fireworks which symbolises celebration. Thanks to Minister for Gozo Clint Camilleri for the financial support.*

**Ikkuntattjana / Contacts: L-Għarb Local Council**
**Indirizz postali / *Postal address*:** L-Għarb Local Council, Visitation Street, L-Għarb, Gozo GRB 1044
**Indirizz tal-emejl / *Email address*:** gharb.lc@gov.mt • **Websajt / *Website*:** www.gharbnet.com
**Ċempel servizz 24h / *Telephone 24h service*:** 21560556 • **Facebook:** Gharb Local Council

## GRUPP INFJORATURI GĦARB – ESPRESSJONARTI MALTA B'DISINN IEĦOR

Fuq inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex, nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju, Grupp Infjoraturi Għarb kkrejaw disinn li sar minn Michael Bajada bil-melħ ġewwa Pjazza San Franġisk. Din saret fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tar-renovazzjoni tal-istess pjazza.



## *GRUPP INFJORATURI GĦARB – ESPRESSJONARTI MALTA WITH ANOTHER DESIGN*

*On the initiative of the Ministry for Gozo, Grupp Infjoraturi Għarb created another design by Michael Bajada with salt at Pjazza San Frangisk . This was held on Sunday 26th July for the occasion of the reopening of the renovation of Pjazza San Frangisk.*

## LAQGĦA MAS-SIDIEN TAL-HOLIDAY PREMISES

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Lulju, 2020 il-Kunsill Lokali l-Għarb għamel laqgħa ta' informazzjoni mas-sidien tal-holiday premises fl-Għarb ġewwa s-sala tal-Iskola Primarja. Din il-laqgħa inżammet sabiex jiġi kkontrollat il-ħruġ tal-iskart ġewwa l-lokalita' tal-Għarb.

Għal dan il-għan flimkien ma' dan il-fuljett qed titqassam skeda b'informazzjoni ta' kif għandu jiġi seperat l-iskart kif ukoll kalendarju bil-bqija tax-xhur 2020 biex jiġi nnutat it-tibdil li sar.

Il-Kunsill jixtieq javża li minn Awwissu l-ġbir tal-ħġieġ beda jinġabar kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Huwa meħtieġ li l-ħġieġ jinħareġ barra fil-kontenitur l-kannella provdut mill-Wasteserv mhux fil-kaxxi tal-kartun.





## *MEETING WITH HOLIDAY PREMISES OWNERS*

*L-Għarb Local Council organised a meeting with holiday premises owners on Friday 24th July, 2020 at Għarb Primary School hall. This meeting was held so that the depositing of refuse collection will be more controlled.*

*For this purpose a calendar with the remaining of 2020 refuse collection schedule is being distributed so that changes will be noted.*

The Local Council would like to notify that from August the glass collection is being collected every first Friday of the month. It is essential that the glass will be disposed in the brown container provided by Wasteserv and not in carton boxes.



## Kalendarju 2021 bil-parteċipazzjoni tat-tfal mil-lokalita'

Il-Kunsill qed iniedi kalendarju għas-sena 2021 marbut mal-istaġuni bil-parteċipazzjoni tat-tfal mil-lokalita'. Għaldaqstant il-Kunsill qed iħeġġeġ lit-tfal sabiex ikunu kreattivi u jipparteċipaw billi jippreżentaw pittura relatata mal-istaġun skond il-kunjom tagħhom kif segwenti. Dawk interessati li jipparteċipaw huma ġentilment mitluba jgħaddu l-pittura tagħhom lill-Kunsill Lokali, bl-idejn jew b'email fuq gharb.lc@gov.mt sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru, 2020.

A, B, C, D, E, F – Rebbiegħa — G, H, I, J, K, L, M – Sajf
N, O, P, Q, R, S, T – Ħarifa — U, V, W, X, Y, Z – Xitwa

## Calendar 2021 with the participation of the locality children

*The Local Council is launching a calendar for 2021 associated with the seasons with the partecipation of the locality children. Therefore the Council is encouraging children to be creative and to participate by presenting a painting related with the season according to their surname as follows. Those interested in participating are kindly requested to present their painting to the Local Council, by hand or by email on gharb.lc@gov.mt by not later than 30th September, 2020.*

*A, B, C, D, E, F – Spring — G, H, I, J, K, L, M – Summer*
*N, O, P, Q, R, S, T – Autumn — U, V, W, X, Y, Z – Winter*

# Avvizi – Notice Board

## KORSIJIET U REVIŻJONI ONLINE GĦAL MATUL IS-SAJF

Għall-ewwel darba il-Kunsill Lokali ħa l-inizzjattiva u organizza reviżjoni u preparazzjoni għall-klassijiet primarji għas-snin 2, 3, 4 , 5 & 6 online għal matul is-Sajf. Qed isiru wkoll lezzjonijiet b'xejn fuq Facebook tal-Kunsill li jinkludu dawn segwenti:
Drama minn Jamie Camilleri kull nhar ta' Tnejn fl-10.30am;
Krafts minn affarijiet riċiklati minn Alda Bugeja kull nhar ta' Tlieta fl-10.30am;
Coding minn Sam Cefai kull nhar ta' Ħamis fl-10.30am;
Snajjiet tradizzjonali minn Alda Bugeja kull nhar ta' Ġimgħa fl-10.30am.

## *ONLINE COURSES AND REVISION LESSONS DURING SUMMER*

*Due to the situation l-Għarb Local Council took the initiative and organised online revision classes for primary children years 2, 3, 4, 5 & 6 throughout Summer. Free online lessons are also being held on the Local Council's Facebook page as follows:*

*Drama by Jamie Camilleri every Monday at 10.30am;*
*Recycled crafts by Alda Bugeja every Tuesday at 10.30am;*
*Coding sessions by Sam Cefai every Thursday at 10.30am;*
*Traditional trades by Alda Bugeja every Friday at 10.00am.*

## FTUĦ TAL-UFFIĊJU TAL-KUNSILL U TAL-LIBRERIJA GĦAL MATUL IS-SAJF

Il-ħinijiet tal-uffiċċju tal-Kunsill tal-Għarb huma hekk kif segwenti: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u 12.30pm u s-Sibt mit-8.00am sal-11.15am.

Il-Librerija qeghda tkun miftuha kull nhar ta' Tlieta mit-8.30am san-12.30pm u nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.00am. Importanti li min jigi l-librerija ghandu jilbes il-maskla / visor u jzomm id-distanza socjali kif indikat mill-awtoritajiet tas-sahha.

## *LOCAL COUNCIL OFFICES OPENING HOURS FOR SUMMER*

*The offices of l-Għarb Local Council are open as follows: Monday to Friday between 8.00am to 12.30pm and Saturday from 8.00am to 11.15am.*

*The library is opening every Tuesday between 8.30am and 12.30pm and every Saturday between 8.30am and 11.00am. It is important that every person who visits the library wears a face mask / visor and keeps the social distance as indicated by the health authorities.*

## PREŻENTAZZJONI TA' KOTBA

Nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu, il-psikolgu Dr Michael Galea preżenta ħames kotba bil-Malti lill-Kunsill tal-Għarb għal-librerija lokali. Dawk interessati li jixtru xi ktieb/kotba minn dawn huma ġentilment mitluba javviċinaw lill-Kunsill Lokali. Il-kotba jiswew €15 il-wieħed.






## *BOOKS PRESENTATION*

*On Monday 10th August, psycologist Dr Michael Galea presented five books in Maltese to the Local Council for the branch library. Those interested in purchasing one or both these books are kindly requested to call the Council. Books cost €15 each.*

## Attivita' oħra - "Al fresco"

**Il-Kunsill Lokali l-Għarb ser jerġa jorganizza attivita' "Al fresco" nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru, 2020. Din l-attivita' ser issir bil-kollaborazzjoni tar-restoranti - Għarb Rangers Bar & Restaurant, Il-Kunvent Restaurant u Iċ-Ċentru Bar & Restaurant u ser ikun hemm "live entertainment".**

**L-Gharb Local Council is organising another event "Al fresco" on Friday 18th September, 2020. This event with live entertainment is being held with the collaboration with Gharb Rangers Bar & Restaurant, Il-Kunvent Restaurant and Ic-Centru Bar & Restaurant.**